Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,295, 6 ta' Awwissu, 2024
Taqsima B

A.L. 183 tal-2024

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2024 dwar il-Projbizzjoni tat-Tnissil u ż-Żamma ta' Klieb ta' Tip Bully Non-Pedigree

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 20 u 43A tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, l-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar il-Projbizzjoni tat-Tnissil u ż-Żamma ta' Klieb ta' Tip Bully Non-Pedigree.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprojbixxu r-reklamar, il-bejgħ, it-tnissil u ż-żamma ta' klieb ta' tip non-pedigree bully.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien erba' (4) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali; Kap. 439.

"ċertifikat tal-pedigree" tfisser dokument, irreġistrat ma' klabb kennel rikonoxxut li jiddokumenta r-razza ta' kelb li spiss il-ġenituri tiegħu huma razez speċifiċi mnissla speċifikament sabiex juru karatteristiċi fiżiċi partikolari;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija, kwalunkwe uffiċjal awtorizzat minnu bil-miktub, li jaġixxi f'ismu għal kwalunkwe mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"kelb" tfisser annimal tal-ispeċi *Canis lupus familiaris* jew annimal li jirriżulta mill-ibridizzazzjoni bejn *Canis lupus familiaris* u speċi oħra;

"kennel club" tfisser organizzazzjoni volontarja rreġistrata skont ir-regolament 6 bl-avvanz tal-interessi ta' razza waħda (1) jew aktar ta' klieb billi tistabbilixxi standards, tipprovdi kompetizzjonijiet, u tirreġistra razez u li għandha tkun rikonoxxuta minn kennel club rikonoxxut internazzjonalment;

"kelb ta' tip bully non-pedigree" tfisser klieb li

Verżjoni Elettronika

jikkonformaw mad-deskrizzjoni stipulata fl-Ewwel Skeda u li juru karatteristiċi fiżiċi tipiċi ta' razez bully iżda li ma jkollhomx pedigree jew reġistrazzjoni formali ma' kennel club rikonoxxut;

"kustodju" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha l-inkarigu ta', jew li abitwalment titma' jew tieħu ħsieb kelb, inkluż is-sidien ta' santwarji tal-klieb u ħwienet tal-annimali domestiċi;

"non-pedigree" tfisser kelb mingħajr razza speċifika jew l-ebda razza magħrufa u li ma huwiex irreġistrat ma' kennel club rikonoxxut;

"pedigree" tfisser ir-rekord ta' dixxendenza tal-kelb ippruvat li hu ta' razza pura u li hu f'konformità ma' karatteristiċi ġenetiċi speċifiċi kif rikonoxxut minn dik ir-razza partikolari;

"razez bully" tfisser klieb li jikkonformaw mad-deskrizzjoni speċifikata fl-Ewwel Skeda u li jinkludu l-karatteristiċi fiżiċi tar-razez li ġejjin:

(a) American Staffordshire Terrier;

(b) Staffordshire bull Terrier;

(ċ) Bullmastiff;

(d) Dogo Argentino;

(e) Bull Terrier;

(f) American Bully;

(g) American Pitbull Terrier;

(h) Old English Bulldog;

(i) American Bulldog;

(j) English Bulldog;

(k) French Bulldog;

(l) Bull terrier;

(m) Minature Bull terrier;

(n) Cane Corso;

Verżjoni Elettronika

(o) Dogue De Bordeaux;

(p) Presa Canario;

(q) Neapolitan Mastiff;

(r) Boston Terrier;

(s) Tibetan Mastiff;

(t) South African Boerboel

u taħlit tagħhom;

"razza pura" tfisser klieb tar-razza mnissla minn membri ta' razza jew tip rikonoxxut mingħajr inkroċjar tar-razez fuq ħafna ġenerazzjonijiet li huma rreġistrati ma' kennel club rikonoxxut;

"sid" tfisser il-persuna jew l-entità ġuridika li f'isimha l-kelb huwa rreġistrat skont ir-Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb; L.S. 437.101.

"tnissil" tfisser it-tgħammir u l-produzzjoni tal-frieħ tal-klieb.

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, il-kliem u l-frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li ma humiex imfissra hawnhekk għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Att.

Projbizzjoni tat-tnissil ta' kelb ta' tip bully non-pedigree.

3. L-ebda persuna ma għandha tnissel klieb ta' tip bully non-pedigree.

Projbizzjoni taż-żamma, l-bejgħ u r-reklamar ta' razez ta' klieb ta' tip bully non-pedigree.

4. (1) L-ebda persuna ma għandha żżomm fil-pussess tagħha klieb ta' tip bully non-pedigree li jitwieldu wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-klieb tat-tip bully non-pedigree li jidħlu f'Malta minn Stat Membru ieħor għandhom ikunu ilhom fil-pussess tal-kustodju tagħhom għal mhux inqas minn sitt (6) xhur u għandhom ikunu rreġistrati fuq il-kustodju tagħhom skont ir-Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum mid-dħul tagħhom f'Malta: L.S. 437.101.

Iżda wkoll li dan ma japplikax għal klieb tat-tip bully non-pedigree li ġew assenjati lill-persuna mid-Direttur.

Verżjoni Elettronika

(2) Ir-reklamar ta' klieb tat-tip bully non-pedigree għandu jkun ipprojbit.

(3) Il-bejgħ ta' klieb tat-tip bully non-pedigree għandu jkun ipprojbit.

Dettalji li għandhom ikunu speċifikati fiċ-ċertifikat tal-pedigree ta' klieb ta' razza pura.

5. (1) Id-dettalji li għandhom jiġu elenkati fiċ-ċertifikat tal-pedigree ta' klieb ta' razza pura għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tieni Skeda.

(2) Ir-riżultati tat-testijiet tal-prestazzjoni u r-riżultati bl-oriġini tal-assessjar tal-valur ġenetiku, fuq il-kelb innifsu u l-ġenituri u n-nanniet tiegħu, għandhom jiġu indikati u akkumpanjati b'mod ċar jew ikunu inklużi fiċ-ċertifikat tal-pedigree.

(3) Jekk id-Direttur ikollu raġuni valida sabiex jemmen li kelb ma jkunx ta' razza pura, huwa jista' jitlob li jsir test tad-DNA u jinħareġ minn laboratorju akkreditat ISO 17025, għall-ispejjeż tal-kustodju jekk is-suspetti tad-Direttur jiġu kkonfermati.

Rikonoxximent tal-kennel clubs.

6. (1) Organizzazzjoni reġistrata bħala organizzazzjoni volontarja mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji tista' tapplika mad-Direttur sabiex tkun rikonoxxuta u reġistrata bħala kennel club fuq il-formola xierqa kif tista' tiġi ppubblikata mid-Direttur f'dak iż-żmien:

Iżda organizzazzjoni reġistrata bħala organizzazzjoni volontarja mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji bil-għan li tistabbilixxi standards, torganizza kompetizzjonijiet, u tirreġistra ċertifikati tal-pedigrees sad-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun eżentata mir-rekwiżiti li tiġi rikonoxxuta minn kennel club rikonoxxut internazzjonalment.

(2) L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għall-klabbs tal-kennel għandhom jintbagħtu permezz tal-formola xierqa li għandha tinkludi:

(a) id-dettalji tal-applikant;

(b) id-dettalji tal-persuna responsabbli;

(ċ) id-dettalji tal-kennel club inkluż l-indirizz u kwalunkwe informazzjoni ta' kuntatt rilevanti;

(d) id-dettalji ta' kwalunkwe pjattaforma ta' reklamar użata mill-kennel club sabiex tbigħ jew toffri għall-adozzjoni klieb jew ġriewi;

Verżjoni Elettronika

(e) in-numru tal-organizzazzjoni volontarja;

(f) prova ta' affiljazzjoni ma' kennel club rikonoxxut internazzjonalment;

(g) prova ta' reġistrazzjoni mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji u l-għan ta' twaqqif tal-organizzazzjoni volontarja skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji: Kap. 492.

Iżda d-Direttur jista' jitlob fi kwalunkwe ħin mill-kennel club, kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra jew dokument addizzjonali li jitqies meħtieġ.

(3) Ir-reġistrazzjoni tal-kennel club għandha tiġġedded kull sena.

Ir-Reġistru tal-Kennel Clubs.

7. (1) Għandu jkun hemm reġistru miżmum mid-Direttur li għandu jissejjaħ ir-"Reġistru tal-Kennel Clubs" li għandu jinkludi l-kennel clubs reġistrati kollha u l-informazzjoni rilevanti tagħhom.

(2) Id-Direttur jista' jippubblika lista aġġornata tal-kennel clubs reġistrati kollha fuq il-portal rispettiv tal-Gvern.

Qbid.

8. (1) Id-Direttur, uffiċjali għat-trattament xieraq tal-annimali u uffiċjali oħra delegati ma' tali awtorità sabiex jissorveljaw il-konformità ma' dawn ir-regolamenti jistgħu jaqbdu, jikkonfiskaw, jissekwestraw u jeżaminaw kwalunkwe kelb bil-għan li jiddeterminaw jekk jikkonformax jew xort'oħra mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-Direttur jista' jikkonfiska dawk il-klieb tat-tip bully non-pedigree li ma humiex konformi ma' dawn ir-regolamenti jew jagħmel xi arranġamenti oħra li d-Direttur iqis li jkunu meħtieġa.

Reati, pieni u penalitajiet amministrattivi.

9. (1) Kwalunkwe persuna li tikser jew taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti għandha meta tinstab ħatja, tkun ħatja ta' reat u għandha teħel il-pieni stabbiliti fl-artikolu 45 tal-Att.

(2) Fejn id-Direttur ikollu raġuni valida sabiex jemmen li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti u li jkun xieraq li tiġi mposta penali amministrattiva skont l-artikolu 47 tal-Att, id-Direttur għandu jipproċedi skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu.

Emendi konsegwenzjali. L.S. 439.23.

10. Minnufih wara l-partita "Karozzini" fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it- Trattament Xieraq tal-Annimali għandhom jiġu

Verżjoni Elettronika

miżjuda dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

Projbizzjoni tat-tnissil u ż-żamma ta' klieb tat-tip bully non-pedigree	A.L. 183 tal-2024. (regolament 3)	Tnissil ta' klieb tat-tip bully non-pedigree	Mhux aktar minn €1,000	Meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, persuna għandha teħel multa ta' mhux inqas minn €2,000, iżda li ma taqbiżx €65,000, jew priġunerija għal perjodu ta' tliet (3) snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien; Meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, persuna għandha teħel multa ta' mhux inqas minn €6,000, iżda li ma taqbiżx €80,000, jew priġunerija għal perjodu ta' tliet (3) snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.
	A.L. 183 tal-2024. (regolament 4)	Iż-żamma, il-bejgħ jew ir-reklamar ta' klieb tat-tip bully non-pedigree	Mhux aktar minn €1,000	

Verżjoni Elettronika

L-EWWEL SKEDA
Standards ta’ Konforma tal-Bully Breeds
(regolament 2)

Impressjoni Generali	Kelb kbir b'ġisem muskolat u ras mastizza, li jissuġġerixxi saħħa u qawwa kbira għad-daqs tiegħu. Mibni b’saħħtu. B'mod ġenerali l-kelb għandu jkollu dehra atletika.
Tul	Kelb adult minn 12-il pulzier (30 ċm) fil-punt tal-gerriesa. Kelba adulta minn 11-il pulzier (28 cm) fil-punt tal-gerriesa. Il-proporzjon tal-għoli mal-piż għandu jkun proporzjonat.
Ras	Tqila, kbira u wiesa'. It-tul mit-tarf tal-imnieħer sa sal-għadma definita bejn l-għajnejn (indentazzjoni bejn il-geddum u r-ras) hija ugwali għal madwar terz tat-tul mill-ponta tal-imnieħer san-naħa ta' wara tar-ras. Il-geddum mastizz jew kemmxejn kwadrat biex jiddendel taħt l- għajnejn. Il-kelb għandu jkollu fond tajjeb mill-parti ta’ fuq tar-ras sal-qiegħ tax-xedaq u b’geddum dritt inkaxxat. L-għajnejn għandhom ikunu żgħar u fondi, trijangolari meta wieħed jarahom mill-ġenb u ellittiċi minn quddiem. It-topline tal-geddum għandu jkun dritt. Muskoli prominenti tal-ħaddejn b'xedaq u xofftejn b'saħħithom u definiti tajjeb u mbexxqa. Ħafna drabi jkollu tikmix prominenti fuq il-wiċċ. L-imnieħer huwa kbir b'imnifsejn miftuħa ħafna. Id-distanza minn wara tar-ras sa bejn l-għajnejn għandha tkun bejn wieħed u ieħor daqs id-distanza minn bejn l-għajnejn sal-ponta ta' mnieħru. Ir-ras għandha tidher li għandha forma ta' feles meta wieħed jaraha mill-ġenb u minn fuq iżda ttundjata meta wieħed jaraha minn quddiem. Ir-ras għandha tkun madwar 2/3 tal-wisa' tal-ispallejn u 1/4 usa' fil-ħaddejn milli fil-bażi tal-kranju (dan huwa dovut għall-muskoli tal-ħaddejn).
Snien	Qidma fil-livell jew scissor bite.
Għonq	Tqil, muskolat, kemxejn arkat, li jispiċċa fix-xejn mill-ispallejn sal-bażi tal-kranju. Medju fit-tul.
Kwarti ta’ quddiem	Ix-xfafar tal-ispalla huma twal, muskolati tajjeb u ppożizzjonati tajjeb lura. It-tul tan-naħa ta' fuq tad-driegħ huwa daqs it-tul tax-xfafar tal-ispalla u allaċċati f'angolu ta’ bejn 35 u 45 mal-art. Saqajn ta' quddiem dritti, b’saħħithom u muskolati ħafna bil-kelb wieqaf għoli fuq il-pasterns (parti bejn is-saqajn u l-għekiesi). Minkbejn ippożizzjonati qrib il-ġisem. Distanza mill-gerriesa għall-minkbejn madwar l-istess bħad-distanza mill-minkeb sal-qiegħ tas-saqajn. L-ispallejn għandhom ikunu usa’ mill-qafas tal-kustilji fit-tmien kustilja. Il-minkbejn tiegħu għandhom ikunu ċatti bis-saqajn ta' quddiem tiegħu ppożizzjonati b'mod parallel mas-sinsla tad-dahar.

Verżjoni Elettronika

Ġisem	L-għoli sal-parti ta' fuq ta' spallejh huwa l-istess distanza bħal minn quddiem l-ispalla tiegħu sal-punt ta' wara ta' ġenbu. Muskoluż ħafna. Ġisem kbir u mastizz li jagħti impressjoni ta' qawwa kbira għad-daqs. Sider wiesa', fond b'kustilji ferm imqabbża. Is-sider jista' jkun usa' mill-fond. Livell topline u dritt. Lojn qasir u sod. Ġeneralment jidher kwadrat iffurmat mill-punt tal-ispalla sal-punt tal-warrani meta mqabbel mal-gerriesa (l-ogħla punt fuq il-ġisem tal-kelb minbarra r-ras u l-ispallejn) sal-art. Is-saqajna ta' quddiem għandhom ikunu tqal u solidi u kważi d-doppju tal-ħxuna tas-saqajn ta' wara eżatt taħt il-hock. Il-qafas tal-kustilji għandu jkun fond u r-jispunta dritt 'il barra mis-sinsla tad-dahar, għandu jkun ellittiku fis-sezzjoni trasversali li tiġi fix-xejn sal-qiegħ u mhux b'sidru minfuħ. Ġenbejn wesgħin li jippermetti allaċċament tajjeb tal-muskoli fil-kwarti ta' wara u s-saqajn ta' wara. Il-ġog tal-irkoppa għandu jkun fit-terz ta' fuq tar-riġel ta' wara tal-kelb, u l-għadam ta' taħt għandu jidher ħafif, fin u flessibbli.
Kwarti ta' wara	B'saħħtu, muskolari u wiesa'. Koxox żviluppati sew b'muskolatura ħoxna. Minn wara, iż-żewġ pasterns huma tipikament dritti u paralleli ma' xulxin. Żvilupp muskolari, angulazzjoni u wisa' f'bilanċ mal-kwarti ta' quddiem.
Saqajn	Fit-tond, medju fid-daqs u fi proporzjon mal-ġisem. Kompatt u arkat tajjeb.
Denb	Tul medju u fil-baxx. Jiġi fix-xejn bejn wieħed u ieħor sal-livell tal-hocks. Ġeneralment jieħu l-forma ta' manku dritt jew pompa meta l-kelb ikun rilassat.
Pil	Il-pil għandu jkun qasir, imqajjem, ileqq, lixx, folt, u singolu.

Glossarju

Gidma:	il-pożizzjoni relattiva tas-snien ta' fuq u ta' isfel meta l-ħalq jingħalaq.
Pil:	il-pil estern li jgħatti l-ġilda.
Croup:	parti mid-dahar minn quddiem il-pelvi sal-għerq tad-denb.
Kwarti ta' quddiem:	il-parti ta' quddiem tal-kelb minbarra r-ras u l-għonq.
Kwarti ta' wara:	il-parti ta' wara tal-kelb minn wara l-lojn.
Lojn:	il-parti ta' bejn l-aħħar kustilja u l-bidu tal-pelvi.
Muskolatura:	il-muskoli fuq ġisem annimal.
Muzzle:	it-tul mit-tarf tal-imnieħer sal-għadma ta' bejn l-għajnejn.
Pasterns:	il-pastern huwa l-parti t'isfel tas-sieq ta'quddiem, eżatt fuq is-sieq u taħt il-polz. Bl-istess mod, fir-riġel ta' wara, il-pastern huwa l-porzjon li jinsab 'il fuq mis-sieq u taħt l-għarqub (magħruf ukoll bħala l-hock). Kull kelb għandu par pasterns ta' quddiem u ta' wara.

Verżjoni Elettronika

Scissor bite:	is-snien ta’ quddiem ta' fuq imrikkba minnufih fuq is-snien t’isfel b’mod kwadru fuq ix-xedaq.
Kurvatura tal-kustilji:	grad ta' kurvatura tal-qafas tal-kustilji.
Il-pożizzjoni tad-denb:	il-pożizzjoni tad-denb fuq il-croup.
Tapering:	isir progressivament iżgħar lejn tarf wieħed.
Topline:	kontorn minn wara l-gerriesa fejn jibda d-denb. Jidher mill-ġenb tal-kelb jew minn fuq.
Gerriesa:	l-għola punt tal-ġisem immedjatament wara l-għonq fejn jitkejjel l-għoli.

IT-TIENI SKEDA

(regolament 5)

Id-dettalji li għandhom ikunu elenkati fiċ-ċertifikat tal-pedigree għandhom ikunu s-segwenti:

(a) l-isem tal-kennel club emittenti;

(b) in-numru tad-dħul maħruġ mill-kennel club;

(c) id-data tal-ħruġ;

(d) identifikazzjoni;

(e) id-data tat-twelid;

(f) razza;

(g) il-kulur tal-pil;

(h) is-sess;

(i) l-isem u l-indirizz ta' min jgħammar;

(j) isem u indirizz tas-sid; u.

Missier _____	Nannu_____	Nanna_____
Nru tal-Pedigree_____	Nru tal-Pedigree_____	Nru tal-Pedigree_____
Omm _____	Nannu_____	Nanna_____
Nru tal-Pedigree_____	Nru tal-Pedigree_____	Nru tal-Pedigree_____